# L-Isla Refuġju tal-Immigranti

minn Profs. Stanley Fiorini

Din is-sena jaħbat ir-Raba' Ċentenarju mill-miġja tal-istatwa ta' Marija Bambina ġewwa l-Isla. Dan ġara meta fl-1618, żewġ Sengleani – Ġużeppi Lanzun imlaqqam Ta' Palmett u ieħor li kien jiġi missier Dimitri Tumbo, residenti l-Isla – niżżlu din ix-xbieha li kienet tagħmel parti minn galjun li safa mfarrak mill-qilla tal-mewġ, u li kienet intelqet tgħum f'wiċċ il-Baħar Adrijatku. Tawha rigal lill-Kappillan, Dun Każmo Talavera, li laqagħha bil-ferħ f'isem il-parruċċani tiegħu.[1]

Ma setax jonqos li s-Sengleani jilqgħu, b'dirgħajn miftuħa beraħ, 'l Ommhom tas-Sema, tħabbat fuq biebhom, tfittex refuġju wara l-għarqa, għax huma



*Statwa ta' l-Isla tilqa' u tqim lill-Bambina.*
*(Alfred Camilleri Cauchi, 1996)*

stess kienu għaddew, kif għaddew ukoll ta' warajhom, mill-istess esperjenza ta' immigranti li, wara li ħabbtu wiċċhom mal-ħalel ta' baħar qalil u twegħir kbir, fittxew il-kenn tas-swar tal-Belt Invitta.

Dan tgħidulna l-istorja Sengleana jekk nagħrfu naqrawha minqux fl-ismijiet u l-kunjomijiet fir-reġistri tal-Magħmudijiet, Żwiġijiet u Mwiet miżmuma fl-Arkivju Parrokkjali b'tifkira ħajja ta' ġrajjietna u b'għożża għal dawk li jiġu warajna. Jekk inqallbu ftit l-ewwel reġistri nsibu, li sa minn qabel ma twaqqfet il-parroċċa fl-1581, u sa mill-bidu nett tat-twaqqif tal-ewwel swar mibdija mill-Gran Mastru De la Sengle fl-1552 u mitmuma minn De Valette bi tħejjija għall-Assedju l-Kbir tal-1565, kienu ġew ifittxu kenn emigranti minn Għawdex.

Nafu kif wara l-attakk aħrax tal-Misilmin taħt Dragut u Sinam Baxà fuq dik il-gżira fl-1551, li kaxkar miegħu fil-jasar tista' tgħid l-Għawdxin kollha, dawk il-ftit li seħħilhom jaħarbu l-qilla tal-għadu jew, wara snin ta' jasar xi ħadd ħanin irriskatthom, għażlu li jfittxu kenn wara s-swar aktar felħana tal-Belt Invitta. Fost dawn insibu sa mill-bidu nett nies b'kunjomijiet li ma kontx issibhom barra Għawdex qabel dak iż-żmien bħalma huma Alagona, Amaira (De Maira, Hamaira), Anastasi, Apap, Balistrera, Basili, Boffa (Dili Buffi), Cavallino, Cefai (Civai), Cini, Ciumi, Cremona, De Caci, De Manuele, Fantino, Guarreri, Lucia, Madiona, Mannara, Mejlaq, Mercieca, Mintoff, Navarro, Nicolaci, Piscopo (Episcopo), Saguna (Sahona), Sansone, Savina, Schiavone [Scavuni], u Theobaldo.[2] Dawn kollha tfaċċaw fl-Isla f'dak iż-żmien. Jien tal-opinjoni li l-mod kif ħafna Sengleani sal-lum jippronunzjaw il-konsonanti /q/ (tqarreb lejn /k/) ġej bħala konsegwenza ta' din l-immigrazzjoni Għawdxija.

Wara l-Assedju u l-bini tal-Belt Valletta, l-istabbilità li ġabet magħha l-Ordni ta' San Ġwann, riflessa fil-ħafna xogħol li nħoloq, ġabet magħha żjieda demografika kbira minħabba l-ammont dejjem jiżdied ta' barranin



li ġew ifittxu ħajja aħjar hawnhekk. Ħafna minn dawn tefgħu l-ankri fl-ewwel art li rifsu – fl-Isla – sabu tfajla tal-post, iżżewġuha u kabbru familja, kif jidher, hawn ukoll, mir-reġistri parrokkjali. Ma nistgħux nagħtu rendikont komplet ta' dan il-fenomnu. Hawnhekk nillimitaw ruħna biss għal kunjomijiet Franċiżi li huma aktar identifikabbli mingħajr ambigwità u, f'ħafna każijiet, insibu wkoll konferma, iswed fuq l-abjad, li l-persuna hu tabilħaqq Gallus, Franċiż.

Fis-seklu li jintemm fl-1684 (meta għandna dokument sabiħ fil-parroċċa li hu l-i*Status Animarum* ta' dik is-sena)3 niltaqgħu ma' dawn il-Franċiżi qed jibdew ħajja fl-Isla: Arnaud, Audibert, Audinot, Bauduin, Bessier, Bonet, Bris, Buffier, Bugdier, Butiglier, Clavier, Cognet, Curet, Danier, Fancel (illum Vancell), Fochier, Fournier, Gaimard, Ghiù (Guillou), Gibran, Gilibert, Giraud, Laurier, Lautier, Licart, Loriò, Lubert, Lucano, Luvier, Minguin, Minot, Misè, Monier, Mustier, Olivier, Pervin, Petin, Plachier, Ricard, Schier, Seisò (illum Seysun), u Sicard. Naturalment, mhux dawn il-kunjomijiet kollha għadek tiltaqa' magħhom illum. Fost dawk li seħħilhom jaslu sal-lum insibu Audibert, Lautier, Olivier, Seysun u Vancell. Oħrajn ta' din l-għamla li wieħed kien jippretendi li jiltaqa' magħhom hawn, bħal Portanier u Guillaumier, jiddiżappuntawna għax daħlu wara l-1700.



*Senglea – Belt mifruxa fuq il-bahar. (Fritz Photography)*

Din it-tendenza ssuktat matul is-seklu XVIII kollu. Niltaqgħu ma' għadd ġmielu li sabu kenn fl-Isla li ġew mill-gżejjer tal-Mediterran, dawk Griegi – bħal ma huma De Candia, Di Modon, De Sira, Del Zante, Santa Maura u Santorin – kif ukoll minn Pantellerija minn fejn ġew Ta' Busietta, Aloi, Lopez, Pantalleresco, kif ukoll Panzavecchia. Dil-familja tal-aħħar, li ġiet fl-1762 u li d-dar tagħha għadha wieqfa fi Strada Vittoria kantuniera ma' San Michele (fiha kien joqgħod ħu ommi, Edgar Zarb), tat lil Malta żewġ figuri ta' statura, jiġifieri, il-Kanonku Fortunatu (edukatur minn ta' quddiem) [1797-1827] u Injazju Panzavecchia, Prelat u Politikant [1855-1925].

Lejn tmiem is-seklu bdew jitfaċċaw bosta immigranti min-naħat tad-Dalmazja (fi żminijietna, il-Jugoslavja) – sewwasew minn fejn inġabret l-istatwa tal-Bambina – li tefgħu għeruqhom hawn biex ifittxu x-xogħol. Din il-mewġa kompliet wara li ġew l-Ingliżi meta, lejn l-1835, ġew aktar minnhom biex

jaħdmu fit-tarzna.4 Minn dawn il-kunjomijiet tipiċi li nsibu fl-Isla għandna Anton[c]ich, Arzegorich, Botlich, Candich, Christianovich, Domancich, Endrich, Franinich, Jocoscich, Millerich, Mitrovich, Papich, Pietronich, Pugliesevich, Randich, Robinich, Scopinich, Stanicich, Vidorich, Villenich, Visanich, u oħrajn li għadhom magħna sal-lum. Minn ta' quddiem fost dawn, għax ħalla ismu fil-politka Maltija, hu l-patrijott Senglean, imwieled l-Isla fit-28 t'Awwissu 1795, Ġorġ Mitrovich [1795-1885].

Bla dubju ta' xejn, l-akbar għadd ta' immigranti f'Malta, in genere, u fl-Isla, in specie, ġew mill-Italja. In-numru hu kbir wisq biex nidħlu fihom bid-dettall. Hekk pereżempju, il-familja tiegħi, Fiorini, ġew minn Livorno (1740), Esposito minn Napli (1780), Demajo minn Sorrento (1645), Marengo u Landò minn Genova (1830), biex inkunu semmejna biss ftit. Imma influss mhux ta' min iwarrbu ġara bħala konsegwenza tal-hekk imsejħa Sistema Kontinentali ta' Napuljun, li b'reazzjoni għaliha l-Ingliżi kellhom jagħlqu ċ-ċentri li kienu waqqfu f'Livorno, f'Napli u f'Palermo. Ir-riżultat kien li bosta li kienu jaħdmu mal-Ingliżi f'dawn iċ-ċentri sfaw bla xogħol hemmhekk u kien jaqbillhom imorru wara l-istess Ingliżi, li issa kienu qed jaħsbu jikkolonizzaw il-gżejjer tagħna.

Għalhekk nibdew naraw għadd kbir ta' Naplitani jitfgħu għeruqhom fl-Isla: Esposito minn Sorrento u Procida, Cerentano, Jaccarini, Gaffiero, Scafidi u ħafna oħrajn. Il-flotta Ingliża, minn-naħa tagħha, sorġiet fil-Port il-Kbir u allura tant baħrin Ingliżi, Irlandiżi u Skoċċiżi raw kif għamlu jtellgħu familja hawn, fl-ewwel art fl-Isla, kif kienu għamlu ta' qabilhom. Minn hawn il-bosta kunjomijiet Ingliżi li xterdu bħal faqqiegħ mal-Isla kollha: Airland, Baker, Bloodworth, Bond, Buckingham, Campforth, Cann, Car, Carter, Cooke, Copperstone, Cornish, Coyles, Cunningham, Dohoney, Dunnaford, Foster, Gardner, Garret, Harding, [H]arrison, Hayes, Henery, Henwood, Heywood, Hilton, Howard, Hynor, James, Jones, Keenan, Kelly, Kennelly, Kevell, Knight, Lawrence, MacKinnack, Mahoney, Marston, McCarthy, McKeon, Milbourne, Miller, Newton, O'Flynn, Parker, Phillips, Shaw, Small, Smith, Stow, Sullivan, Temple, Tower, Urry, Wall, White, Williams u l-bqija.



*Kanonku Fortunato Panzavecchia (1779-1850).*



*Monsinjur Injazju Panzavecchia (1855-1925).*

refuġjati u djarhom issa ttieħdu minn nies oħra li ma kinux oriġinarjament minn hawn.

Hekk, milli niftakar ta' tfuliti, fost sħabi kien hemm Piju Mangion (li kienu ġew minn Ħal Għaxaq), Vanni Bartolo minn Ħal Qormi u Lino Spiteri minn Ħal Tarxien; il-familja tiegħi stess kienet refuġjata Ħal Balzan fejn twelidt jien imma konna rġajna lura l-Isla wara l-gwerra. Irid isir sondaġġ sew biex nikkwantifikaw din il-mewġa l-aktar reċenti ta' Maltin li, mill-irħula fittxew refuġju fl-Isla wara l-gwerra.

Illum tisma' kemm-il darba 'l min jgħid, "Kif imtlejna barranin immigranti ta' kull għamla, ta' kull lewn u ta' kull sura!" Kemm hu ħafif ninsew li aħna lkoll, min mod u min ieħor, għamilna bħalhom u ġejna fl-Isla – immigranti.



*George Mitrivoch (1795-1885).*

Marbut ukoll mal-Ingliżi u l-effett tat-Tieni Gwerra Dinjija li minħabba fiha l-Isla sfat tista' tgħid meqruda għalkollox u niesha, flimkien ma' Ommhom tas-Sema, xterdu bħala refuġjati mal-erba' t'irjieħ tal-gżira. Imma meta waqfu l-bombi, il-bini reġa' beda jissewwa u n-nies titħajjar terġa' lura. Iżda hawn ġara fenomnu ieħor, għax ħafna mis-Sengleani li kienu ħarġu minn l-Isla fil-gwerra laħqu draw fejn kienu

---

1 A. Bonnici, L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka – Santwarju ta' Marija Bambina, i (1981) 126-7

2 Għall-oriġni Għawdxija ta' dawn il-kunjomijiet ara G. Wettinger, 'The place-names and the personal nomenclature of Gozo: 1372-1600', Oriental Studies (Leeds: University 1980) 173-198. M. Cassar, The Surnames of the Maltese Islands – An Etymological Dictionary (Malta: BDL 2003). Għal ċaqliq fil-popolazzjoni f'dak iż-żmien, ara S. Fiorini, 'The Resettlement of Gozo after 1551', Melita Historica, ix/3 (1986) 203-244.

3 Il-listi *Status Animarum* kienu bħal ċensiment li l-Kappillan kien jagħmel fi żmien il-Għid tal-parruċċani kollha minħabba l-obbligu tal-qrar u t-tqarbin f'dak iż-żmien tas-sena liturġika (u l-bdil tal-bulettini, min għadu jiftakarhom). Għall-popolazzjoni ta' Malta fl-1687, ara S. Fiorini, 'Status Animarum II: A census of 1687', Proceedings of History Week 1984 (Malta: Historical Society 1986) 41-100.

4 Cassar, 372.

> "Hi traġika ż-żieda ta' immigranti li jaħarbu l-faqar dejjem jikber miġjub mit-taħsir ambjentali, li lanqas jiġu rikonoxxuti bħala rifuġjati fil-konvenzjonijiet internazzjonali u jkollhom iġorru l-piż ta' ħajjithom imwarrba mingħajr ebda tip ta' ħarsien legali. B'xorti ħażina, hemm indifferenza ġenerali quddiem dawn it-traġedji, li sal-ġurnata tal-lum għadhom qed iseħħu f'bosta rkejjen tad-dinja. In-nuqqas ta' reazzjonijiet quddiem dawn il-ġrajjiet traġiċi ta' ħutna hu sinjal ta' kemm tlifna dak is-sens ta' responsabbiltà għal min hu bħalna, li fuqu suppost tinbena kull soċjetà ċivili."
>
> Papa Franġisku, Ittra Enċiklika *Laudato Sì*, par. 25